**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Jannar 2023**

Rikors Numru: 316/22 AL

A B C

vs

D E B

(M.R. Numru 383/1994)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-kontendenti partijiet zzewwgu nhar l-erbatax (14) t'Awwissu tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) - certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dokument A.

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti partijiet ma kellhom l-ebda ulied.
3. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall, liema kuntratt huwa datat nhar it-tnax (12) t'Awwissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) kif evidenzjat mid-dokumentazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B.

4. Illi ghaddew circa tmintax (18) -il sena mid-data li fiha l-partijiet ilhom jgħixu hajja separata minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

5. Illi ma hemm l-ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment.

6. Illi ghaldaqstant jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

7. Illi finalment, r-rikorrenti A B C tixtieq li tirriverti ghall-kunjom xbubitha C.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti A B C sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha C;

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal partijiet u bil-bdil f'kunjom ir-rikorrenti, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.
Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Lulju 2022;

Semghet lill-intimat fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur; risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Awwissu 2004;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat ukoll li r-rikorrenti talbet sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` C.. Il-Qorti tilqa' din it-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-passi kollha f'dan ir-rigward.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt li tawtorizza lir-rikorrenti biex tirrikorri ghal kunjom xbubitha u cioe` "C" qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.